Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,610, 20 ta' April, 2021

Taqsima B

A.L. 175 tal-2021

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2021 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2020 tal-Kors għall-Grad ta' Erasmus Mundus Master of Science in Human Language Science and Technology – M.Sc. (HLST) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2021 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2020 tal-Kors għall-Grad ta' Erasmus Mundus Master of Science in Human Language Science and Technology – M.Sc. (HLST) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2014 għall-Grad ta' Erasmus Master of Science in Human Language Science and Technology – M.Sc. (HLST) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 119 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru 2020 jew wara.

L-Emenda għat-titlu tar-regolamenti prinċipali

3. Fil-verżjoni tal-Malti, minflok it-titlu tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-Regolamenti tal-2020 tal-Kors għall-Grad ta' Erasmus Mundus Master of Science in Human Language Science and Technology – M.Sc. (HLST) - taħt il-patroċinju taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni u tal-Istitut tal-Lingwistika u tat-Teknoloġija tal-Lingwa"